MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru 910/2006

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
MARIO CAMILLERI
ORIANA SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Mario Camilleri, ta’ 29 sena, imwieled gewwa Hal Lija nhar id-29 ta’ Settembru 1976, bin Charles u Rita nee’ Camilleri, u residenti gewwa 39, Okella Agius, Triq Qormi, il-Hamrun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 458576(M); kif ukoll Oriana Spiteri, ta’ 18-il sena, imwielda gewwa Pieta’ nhar it-30 t’Awissu 1987, bint Marco u Maria Concetta nee’ Galea, u residenti gewwa Osanna 44, Triq Giovanni Barbara, Hamrun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 393287(M);
U akkuzati talli nhar it-13 t’Awissu 2006, bejn l-10.00am u 3.00pm, b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda,

gewwa diversi toroq gewwa l-Hamrun, waqt il-Marc tal-Festa Titulari tal-Hamrun, ikkommettew hsara volontarja fuq propjeta' tal-Gvern, u cioe' fuq uniformijiet tal-Pulizija, ghad-dannu tal-Gvern Malti, u dan ai termini ta' l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.
Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputati jirripensaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi dedotti kontra taghhom, u wara li rat l-Artikoli 18 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-fedina penali ta' l-imputati, il-fatt li rrestitwew l-ammont dovut u in vista ta' l-ammissjoni bikrija taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------